REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1258/2009

tat-18 ta' Diċembru 2009

li jistipula r-regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2010 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' terzi pajjiżi mhux koperti minn ftehim bilaterali, Protokoll jew arranġamenti oħra, jew minn regoli tal-importazzjoni speċifiċi oħra tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) u (6) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 stabbilixxa restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi biex jiġu allokati fuq bażi ta' min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel.

(2) Skont dak ir-Regolament huwa possibbli li f'ċerti ċirkustanzi jintużaw metodi oħra ta' allokazzjoni, jinqasmu l-kwoti f'qatgħat, jew li jiġi riżervat proporzjon ta' limitu kwantitattiv speċifiku esklużivament għall-applikazzjonijiet li huma sostnuti mill-evidenza tar-riżultati tar-rendiment tal-importazzjoni fl-imgħoddi.

(3) Ir-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti stabbiliti fl-2010 għandhom jiġu adottati qabel ma tibda s-sena tal-kwota biex b'hekk il-kontinwità fil-flussi tal-kummerċ ma tiġix affettwata mingħajr bżonn.

(4) Il-miżuri adottati fis-snin ta' qabel, bħal dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1164/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jistipula r-regoli għall-amministrazzjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2009 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 [2], urew li huma sodisfaċenti u għalhekk huwa xieraq li jiġu adottati regoli simili għall-2010.

(5) Sabiex jiġi ssodisfatt l-akbar numru ta' operaturi possibbli huwa f'loku li l-metodu ta' allokazzjoni ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel" isir iktar flessibbli billi jitpoġġa limitu massimu fuq il-kwantitajiet li jistgħu jkunu allokati lil kull operatur b'dak il-metodu.

(6) Sabiex jiġi ggarantit livell ta' kontinwità fil-kummerċ u ġestjoni effiċjenti tal-kwoti, l-operaturi għandhom jitħallew jagħmlu l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni inizjali tagħhom għall-2010 ekwivalenti għall-kwantità li importaw fl-2009.

(7) Biex jinkiseb l-aħjar użu tal-kwantitajiet, operatur li uża tal-inqas nofs l-ammont diġà awtorizzat għandu jitħalla japplika għal ammont ieħor, u dan kemm-il darba l-kwantitajiet ikunu disponibbli fil-kwoti.

(8) Għal finijiet ta' ġestjoni tajba, l-awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal disa' xhur minn dakinhar meta jkunu nħarġu iżda sa mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-liċenzji biss wara li jkunu notifikati mill-Kummissjoni li l-kwantitajiet huma disponibbli u joħorġuhom biss jekk l-operatur jista' jipprova l-eżistenza ta' kuntratt u jista' jiċċertifika, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika li tgħid il-kuntrarju, li hu għadu ma ġiex allokat awtorizzazzjoni ta' importazzjoni lejn il-Komunità b'konformità ma' dan ir-Regolament għall-kategoriji u l-pajjiżi kkonċernati. Madankollu, b'reazzjoni għall-applikazzjonijiet tal-importaturi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom ikunu awtorizzati jestendu bi tliet xhur u sal-31 ta' Marzu 2011 liċenzji li minnhom tal-anqas nofshom ikunu ntużaw sad-data tal-applikazzjoni.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessuti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi regoli dwar il-ġestjoni ta' kwoti kwantitattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tessili stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 517/94 għas-sena 2010.

Artikolu 2

Il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu allokati kronoloġikament skont meta l-Kummissjoni tkun irċeviet in-notifikazzjonijiet mill-Istati Membri tal-applikazzjonijiet minn operaturi individwali, u dan għal ammonti li ma jaqbżux il-kwantitajiet massimi għal kull operatur stipulati fl-Anness I.

Il-kwantitatjiet massimi, madankollu, ma għandhomx japplikaw għal dawk l-operaturi li jkunu f'pożizzjoni li juru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta jagħmlu l-ewwel applikazzjoni tagħhom għall-2010, li fir-rigward tal-kategoriji u l-pajjiżi terzi msemmija kienu impurtaw aktar mill-kwantitajiet massimi speċifikati għal kull kategorija skont il-liċenzji ta' importazzjoni mogħtija lilhom għall-2009.

[1] ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1.
[2] ĠU L 314, 25.11.2008, p. 7.

Fil-każ ta' operaturi bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw importazzjonijiet ta' mhux aktar mill-kwantitajiet importati fl-2009 minn pajjiżi terzi partikolari u f'kategoriji partikolari, u dan kemm-il darba jkun hemm biżżejjed kapaċità ta' kwota disponibbli.

Artikolu 3

Importatur li jkun diġà uża sa 50 % jew aktar mill-ammont allokat lilu skont dan ir-Regolament jista' jagħmel applikazzjoni oħra, fir-rigward tal-istess kategorija u pajjiż ta' oriġini, għal ammonti li ma jaqbżux il-kwantitajiet massimi stipulati fl-Anness I.

Artikolu 4

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti elenkati fl-Anness II jistgħu, mill-10.00 ta' filgħodu tas-7 ta' Jannar 2010, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ammonti koperti mit-talbiet ta' awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni.

Il-ħin stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu għandu jinftiehem bħala l-ħin ta' Brussell.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet biss wara li jkunu ġew innotifikati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 517/94 li l-kwantitajiet huma disponibbli għall-importazzjoni.

Huma għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet biss jekk operatur:

(a) jagħti prova tal-eżistenza ta' kuntratt li għandu x'jaqsam mal-provvista tal-merkanzija; u

(b) jiċċertifika bil-miktub li, fir-rigward tal-kategoriji u tal-pajjiżi kkonċernati:

(i) ma ġiex allokat diġà awtorizzazzjoni taħt dan ir-Regolament, jew

(ii) ġie allokat awtorizzazzjoni taħt dan ir-Regolament iżda uża tal-anqas 50 % minnha.

3. L-awtorizzazzjonijiet tal-importazzjoni ser ikunu validi għal disa' xhur minn dakinhar meta jkunu nħarġu, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

Madankollu, fuq talba tal-importatur, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jagħtu estensjoni ta' tliet xhur għall-awtorizzazzjonijiet li jkun intuża tal-anqas 50 % minnhom meta ssir it-talba. Estensjoni bħal din ma għandha qatt taqbeż il-31 ta' Marzu 2011.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

ANNESS I

Ammonti massimi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 2 u 3

Pajjiż ikkonċernat	Kategorija	Unità	Ammont massimu
Il-Belarus	1	Kilogrammi	20 000
	2	Kilogrammi	80 000
	3	Kilogrammi	5 000
	4	Biċċiet	20 000
	5	Biċċiet	15 000
	6	Biċċiet	20 000
	7	Biċċiet	20 000
	8	Biċċiet	20 000
	15	Biċċiet	17 000
	20	Kilogrammi	5 000
	21	Biċċiet	5 000
	22	Kilogrammi	6 000
	24	Biċċiet	5 000
	26/27	Biċċiet	10 000
	29	Biċċiet	5 000
	67	Kilogrammi	3 000
	73	Biċċiet	6 000
	115	Kilogrammi	20 000
	117	Kilogrammi	30 000
	118	Kilogrammi	5 000
Il-Korea ta' Fuq	1	Kilogrammi	10 000
	2	Kilogrammi	10 000
	3	Kilogrammi	10 000
	4	Biċċiet	10 000
	5	Biċċiet	10 000
	6	Biċċiet	10 000
	7	Biċċiet	10 000
	8	Biċċiet	10 000
	9	Kilogrammi	10 000
	12	Pari	10 000

Pajjiż ikkonċernat	Kategorija	Unità	Ammont massimu
	13	Biċċiet	10 000
	14	Biċċiet	10 000
	15	Biċċiet	10 000
	16	Biċċiet	10 000
	17	Biċċiet	10 000
	18	Kilogrammi	10 000
	19	Biċċiet	10 000
	20	Kilogrammi	10 000
	21	Biċċiet	10 000
	24	Biċċiet	10 000
	26	Biċċiet	10 000
	27	Biċċiet	10 000
	28	Biċċiet	10 000
	29	Biċċiet	10 000
	31	Biċċiet	10 000
	36	Kilogrammi	10 000
	37	Kilogrammi	10 000
	39	Kilogrammi	10 000
	59	Kilogrammi	10 000
	61	Kilogrammi	10 000
	68	Kilogrammi	10 000
	69	Biċċiet	10 000
	70	Biċċiet	10 000
	73	Biċċiet	10 000
	74	Biċċiet	10 000
	75	Biċċiet	10 000
	76	Kilogrammi	10 000
	77	Kilogrammi	5 000
	78	Kilogrammi	5 000
	83	Kilogrammi	10 000
	87	Kilogrammi	8 000
	109	Kilogrammi	10 000
	117	Kilogrammi	10 000

Pajjiż ikkonċernat	Kategorija	Unità	Ammont massimu
	118	Kilogrammi	10 000
	142	Kilogrammi	10 000
	151 A	Kilogrammi	10 000
	151B	Kilogrammi	10 000
	161	Kilogrammi	10 000

ANNESS II

Lista tal-uffiċċji ta' awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4

1. **Austria**

Bundesministerium für Wirtschaft, Familie und Jugend
Außenwirtschaftsadministration
Abteilung C2/2
Stubenring 1A-1011 Wien
Tel. +43 1711000
Fax +43 1711008386

2. **Belgium**

FOD Economie, Kmo, Middenstand en Energie
Economisch Potentieel
KBO-Beheerscel – Vergunningen
Leuvenseweg 44
1000 Brussel
BELGIË
Tel. +32 22776713
Fax +32 22775063

SPF Économie, PME, Classes moyennes et Énergie
Potentiel économique
Cellule de gestion BCE – Licences
Rue de Louvain 44
1000 Bruxelles, BELGIQUE
Tél. +32 2277613
Fax +32 22775063

3. **Bulgaria**

Министерство на икономиката, енергетиката и туризма
Дирекция „Регистриране, лицензиране и контрол"
ул. „Славянска" № 8
1052 София
Тел.: +359 29407008 / +359 29407673 / +359 29407800
Факс: +359 29815041 / +359 29804710 / +359 29883654

4. **Cyprus**

Ministry of Commerce, Industry and Tourism
Trade Department
6 Andrea Araouzou Str.
1421 Nicosia
Τηλ. +357 2867100
Φαξ +357 2375120

5. **Czech Republic**

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
110 15 Praha 1
Česká republika
Tel.: +420 224907111
Fax: +420 224212133

6. **Denmark**

Erhvervs- og Byggestyrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Langelinje Allé 17
2100 København
DANMARK
Tlf.: +45 35466030
Fax +45 35466029

7. **Estonia**

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
EST-15072 Tallinn
Estonia
Tel. +372 6256400
Fax +372 6313660

8. **Finland**

Tullihallitus
PL 512
FI-00101 Helsinki
Puh. +358 96141
Faksi +358 204922852

Tullstyrelsen
PB 512
FI-00101 Helsingfors
Tel. +358 96141
Fax +358 204922852

9. **France**

Ministère de l'économie, de l'industrie et de l'emploi
Direction générale de la compétitivité, de l'industrie et des services
Sous-direction «industries de santé, de la chimie et des nouveaux matériaux»
Bureau «matériaux du futur et nouveaux procédés»
Le Bervil
12 rue Villiot
75572 Paris Cedex 12, FRANCE
Tél. +33 153449026
Fax +33 153449172

10. **Germany**

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA)
Frankfurter Str. 29-35
D-65760 Eschborn
Tel. +49 61969080
Fax +49 6196908800

11. **Greece**

Υπουργείο Οικονομίας, Ανταγωνιστικότητας & Ναυτιλίας
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
105 63 Αθήνα
Τηλ. +30 2103286021/22
Φαξ +210 3286094

12. **Hungary**

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Margit krt. 85.
H-1024 Budapest.
Postafiók: 1537 Budapest Pf. 345.
Tel. +36 13367303
Fax +36 1336 7302
e-mail: mkeh@mkeh.gov.hu

13. **Ireland**

Department of Enterprise, Trade and Employment
Internal Market
Kildare Street
IRL-Dublin 2
Tel. +353 16312121
Fax +353 16312826

14. **Italy**

Ministero dello Sviluppo Economico
Direzione Generale per la Politica Commerciale
DIV. III
Viale America 341
I-00144 Roma
Tel. +39 0659647517, 59932471, 59932245, 59932260
Fax +39 0659932636
E-mail: polcom3@mincomes.it

15. **Latvia**

Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
Rīga, LV-1519
LATVIJA
Tālr.: +371 67013299, +371 67013248
Fakss: +371 67280882

16. **Lithuania**

Lietuvos Respublikos Ūkio Ministerija
Gedimino pr. 38/2
LT-01104 Vilnius
Tel. +370 5262850/+370 52619488
Fax +370 52623974

17. **Luxembourg**

Ministère de l'économie et du commerce
Office des licences
Boîte postale 113
2011 Luxembourg, LUXEMBOURG
Tél. +352 4782371
Fax +352 466138

18. **Malta**

Ministry for Competitiveness and Communication
Commerce Division, Trade Services Directorate
Lascaris
Valletta CMR02
Malta
Tel. +356 21237112
Fax +356 21237900

19. **Netherlands**

Belastingdienst/Douane
Centrale Dienst voor in- en uitvoer
Engelse Kamp 2
Postbus 30003
9700 RD Groningen
NEDERLAND
Tel. +31 505232600
Fax +31 505232210

20. **Poland**

Ministerstwo Gospodarki
Pl. Trzech Krzyży 3/5
00-950 Warszawa
Tel. +48 226935553
Faks +48 226934021

21. **Portugal**

Ministério das Finanças
Direcção Geral das Alfândegas e dos Impostos Especiais sobre o Consumo
Rua Terreiro do Trigo
Edifício da Alfândega
P-1149-060 LISBOA
Tel. +351 218814263
Fax +351 218814261
E-mail: dsl@dgaiec.min-financas.pt

22. **Romania**

Ministerul Întreprinderilor Mici si Mijlocii, Comertului și Mediului de Afaceri
Directia Generala Politici Comerciale
Str. Ion Câmpineanu, nr. 16
Bucuresti, sector 1
Cod postal 010036
Tel. +40 21315.00.81
Fax +40 2131504.54
e-mail: clc@dce.gov.ro

23. **Slovakia** Ministerstvo hospodárstva SR Oddelenie licencií Mierová 19 827 15 Bratislava SLOVENSKO Tel. +421 248542021/+421 248547119 Fax +421 243423919	24. **Slovenia** Ministrstvo za finance Carinska uprava Republike Slovenije Carinski urad Jesenice Center za TARIC in kvote Spodnji Plavž 6c SI-4270 Jesenice SLOVENIJA Tel. +386 42974470 Faks +386 42974472 E-naslov: taric.cuje@gov.si
25. **Spain** Ministerio de Industria, Turismo y Comercio Secretaría General de Comercio Exterior Paseo de la Castellana, 162 28046 Madrid ESPAÑA Tel. +34 913493817-3748 Fax +34 915631823-349 3831	26. **Sweden** National Board of Trade (Kommerskollegium) Box 6803 SE-113 86 Stockholm SVERIGE Tfn +46 86904800 Fax +46 8306759
27. **United Kingdom** Department for Business, Innovation and Skills Import Licensing Branch Queensway House – West Precinct Billingham UK-TS23 2NF Tel. +44 1642364333, 364334 Fax +44 1642364269 E-mail: enquiries.ilb@bis.gsi.gov.uk	